# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
## (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' JANNAR, 2024**

**Kawża Numru:2**

**Rik. Kost. 241/2021 RGM**

**Doris Cilia**
**Rita Herrera**
**Emanueal sive Luly Callus**
**Carmel sive Charles Fenech**
**Bartholomew sive Robert Fenech**
**Maria Desira**
**Paula Fenech**
**Raymond Fenech**

**vs.**

**Avukat tal-Istat**
**Anthony Micallef**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors tal-20 t'April 2021, ir-rikorrenti fissru li huma propjetarji fis-sehem ta' ottava kull wieħed tal-fond (ħanut) Papier ġia Michael, Triq l-Imħallef Paolo Debono ġia West Street, Imsida, liema fond ilu mikri skont skrittura tal-15 ta' Novembru 1991 u skrittura tad-29 ta' Novembru 2001, it-

tnejn redatti min-Nutar Hugh Grima versu kera ta' Lm90 fix-xahar mill-1 ta' Diċembru 1991 b'żieda ta' 10% kull tlett snin. Il-kera llum hija ta' €5,900 fis-sena. Fissru li l-imsemmi fond kien proprjetà tal-mejtin Salvatore Fenech u Carmela Fenech, li mietu fl-4 ta' Jannar 2017 u fil-15 t'Ottubru 2011 rispettivament. Il-wirt tal-konjuġi Fenech iddevolva fuq ir-rikorrenti u l-mejjet Michael Fenech b'testment *unica charta* tas-17 t'Awwissu 2010 kif konfermat b'testment ieħor tat-3 ta' Frar 2012, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Hugh Grima. Il-wirt ta' Salvatore Fenech ġie dikjarat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'kuntratt tal-15 ta' Ġunju 2015 fl-atti tan-Nutar Sean Critien filwaqt li l-wirt ta' Carmela Fenech ġie dikjarat mal-istess b'kuntratt tat-2 ta' Lulju 2013 fl-atti tan-Nutar Hugh Grima. Michael Fenech miet fl-10 ta' Frar 2017 u l-wirt tiegħu ddevolva b'testment tal-15 t'Ottubru 2008 fl-atti tan-Nutar Hugh Grima fejn innomina bħala l-unika eredi tiegħu lill-martu Paula Fenech. Ir-rikorrenti ppremettew li minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69, b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4 u 9(b) huma kienu u għadhom obbligati jġeddu l-kirja indefinittivament bl-istess kera u kundizzjonijiet. Ifissru li dan il-fatt qiegħed jippreġudika d-drittijiet tagħhom stante li l-kirja mħallsa fis-sena, kif ristretta bil-liġi, ma tirriflettix il-valur reali tal-proprjetà fis-suq. Ippremettew li dan wassal għal leżjoni tad-drittijiet tagħhom, għaldaqstant talbu lil din il-Qorti sabiex

> "I. Tiddikjara u tiddeċiedi illi fatti suesposti jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea maghmula parti mil-ligi ta' Malta bis-sahha tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);
>
> II. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi l-lokazzjoni vigenti tal-fond 'Papier' gja 'Michael', Triq l-Imhallef Paolo Debono gja West Street, Imsida, a favur tal-intimat Anthony Micallef (K.I. 164646M) u l-provvedimenti tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Att X tal-2009 u ligijiet ohra vigenti jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif saniciti fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk huma nulli u/jew inapplikabbli in konfront tar-rikorrenti ghar-rigward tal-proprjetà *de quo*.
>
> III. Konsegwentement taghti dawk l-ordnijiet, tohrog l-atti, u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skond il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, *inter alia* billi tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti ma humiex obbligati jġeddu l-kirja tal-fond 'Papeir' gja 'Michael', Triq l-Imhallef Paolo Debono gja West

Street, Imsida, lill-intimat Anthony Micallef (K.I. 164646M) u tiddikjara ghalhekk illi r-rikorrent huma intitolati jirriprendu l-pussess shih tal-istess fond.

IV. Konsegwentement tordna l-izgumbrament fi zmien qasir u perentorju ta' Anthony Micallef (K.I. 164646M) mill-fond 'Papier' gja 'Michael', Triq l-Imhallef Paolo Debono gja West Street, Imsida, oltre rimedji ohra li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa sabiex tassigura illi r-rikorrenti jiġu rrintegati fil-pussess shih u godiment reali ta' hwejjighom.

V. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew minnhom huma responsabbli ghal kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mi-rikorrenti b'konsegwenza tal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kawża tal-fatti fuq spjegati fejn *inter alia* ma ġiex kkreat bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, stante illi l-lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, fost infrazzjonijiet ohra, ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni.

VI. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-ligi.

VII. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk kif likwidati ai termini tal-ligi, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni ta' l-intimati ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fis-17 ta' Mejju 2021 fejn in linea preliminari ippremetta li r-rikorrenti jridu jġibu prova tal-ftehim tal-kirja li qegħdin jattakkaw b'din il-kawża kif ukoll iridu jġibu prova li l-kirja hija mħarsa bil-Kapitolu 69, b'mod speċifiku li l-fond in kwistjoni jaqa' taħt id-definizzjoni ta' ħanut. Fil-mertu eċċipew li s-sitwazzjoni li qegħdin jilmentaw minnha r-rikorrenti ġiet maħluqa minnhom stess u dan stante li minn jeddhom għażlu li joqgħodu għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 meta ffirmaw il-kuntratt ta' kera fil-15 ta' Novembru 1991 u l-iskrittura tad-19 ta' Novembru 2001. Ġaladarba l-liġi kienet diġà magħrufa, il-protezzjoni tal-kirja ma kinitx xi ħaġa li ġiet imposta b'mod obbligatorju mill-Istat iżda kienet konsegwenza natural tal-għażla ħielsa tar-rikorrenti. Fir-rigward tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja eċċepixxa li l-*proviso* tal-istess artikolu jagħti setgħa lill-istat jgħaddi dawk il-liġijiet xierqa biex

jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skond l-interessi ġenerali. Fisser li l-liġi għandha għan leġittimu sabiex tippreserva l-vijabilità ekonomika ta' intrapriżi kummerċjali, tipproteġi l-impjieg tal-ħaddiema f'dawn l-intrapriżi, tivvantaġġja lill-konsumatur u tipprovdi stabbilita fis-servizz pubbliku provdut minn dawn l-ażjendi. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa wkoll li l-pożizzjoni tar-rikorrenti tjiebet matul iż-żmien meta ħadu ħsieb li jirregolaw l-awment fil-kuntratti imsemmija aktar 'l fuq. Eċċepixxa wkoll li l-kirja m'hijiex waħda għal dejjem stante li ai termini tal-Artikolu 1531I hija maħsuba li tintemm fl-2028. Fir-rigward tar-rimedju mitlub, l-Avukat tal-istat fisser li xejn ma jagħmel sens li l-Qorti tordna l-iżgumbrament jew li tiddikjara li l-Kapitolu 69 jew l-Att X tal-2009 ma jibqax effettiv u dan għaliex jekk jiġri hekk ikun qiegħed jintilef l-iskop, il-ħtieġa u l-leġittimita tal-miżuri imsemmija. Ikkonkluda li dikjarazzjoni ta' ksur fundamentali tkun suffiċjenti u m'hemmx lok għar-rimedju l-oħra mitluba.

3. Rat ir-risposta tal-intimat Anthony Micallef eċċepixxa li ai termini tal-Artikolu 1531I, il-kirja tal-fond kummerċjali ser tiġi fi tmiema fis-sena 2028. Fisser li huwa dejjem mexa skont il-liġi u l-iskrittura ta' kirja miftiehma għalhekk huma m'għandhomx isofru li jiġu żgumbrati mill-fond u / jew li jiġu preġudikati finanzjarjament. Kompla jingħad li kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-avante kawża dejjem aċċettaw il-kirja maqbula u għalhekk huwa inġust li huwa jispiċċa żgumbrat mill-istess fond. Fir-rigward tal-allegat sproporzjon, l-intimat Micallef wieġeb li l-kirja qiegħda togħla kull tlett snin b'rata ta' 10%, liema awment maqbul m'huwiex negliġibbli. Mingħajr preġudizzju eċċepixxa li jekk il-Qorti ssib li kien hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, l-istess leżjoni seħħet mhux bl-aġir jew b'nuqqas tiegħu u għalhekk kull sanzjoni għall-istess għandha twieġeb għaliha l-istat.

4. Rat li fuq talba tar-rikorrenti, il-Qorti nominat lill-Perit Alan Galea, sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizzju tal-fond mertu tal-kawża għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 1992 sal-20 t'April 2021, f'intervalli ta' ħames snin.

5. Rat ir-rapport tal-Perit Alan Galea ppreżentat fis-26 ta' Jannar 2022 u maħluf fl-24 ta' Marzu 2022[1].

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fid-29 ta' Jannar 2022[2], in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fil-25

[1] Fol 67 et seq tal-proċess.
[2] Fol 92 et seq tal-proċess.

t'Awwissu 2022[3] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Anthony Micallef ippreżentata fis-6 t'Ottubru 2022[4].

7. Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż il-provi mressqa mill-partijiet.

8. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**L-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat**

9. L-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat hija maqsuma f'żewġ inċiżi dik li r-rikorrenti jeħtiġilhom prova tal-ftehim tal-kirja u t-tieni inċiż huwa li r-rikorrenti jeħtiġilhom iġibu prova li l-kirja hija mħarsa bil-Kapitolu 69.

10. Il-Qorti tosserva li mar-rikors promotur ir-rikorrenti annettew il-kuntratt tal-kirja li saret bejn Salvatore Fenech, l-avante kawża tar-rikorrenti u Anthony Micallef liema kuntratt sar fil-15 ta' Novembru 1991. Dan il-kuntratt huwa prova ċara li l-kirja attwalment saret kif ukoll li l-kirja saret qabel is-sena 1995 u għalhekk hija milquta bil-provvedimenti tal-Kapitolu 69. In oltre il-Perit Alan Galea iddeskriva l-fond bħala "*fond kommercjali li tintuża bhala hanut ta' l-istationery u printing*"[5] għalhekk anke b'din id-dikjarazzjoni ġie ppruvat li l-fond għandu użu ta' ħanut li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' ħanut tal-Kapitolu 69.

11. L-Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet ma ressaq ebda osservazzjoni dwar dan eċċepiet fl-ewwel eċċezzjoni minnu mressqa iżda osserva minflok li "ir-rikorrenti rnexxilhom juru illi huma wirtu il-fond minghand l-antekawza taghhom kif deskritt fis-suespost"[6]. Mill-ewwel eċċezzjoni din il-Qorti tqis li jidher li qatt ma kien hemm kontestazzjoni dwar it-titolu min-naħa tal-Avukat tal-Istat; il-Qorti tqis anzi li l-prova tat-titolu kienet ġiet ippreżentata mar-rikors promotur.

12. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti għalhekk tqis eżawrit il-mertutal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

---

[3] Fol 103 et seq tal-proċess.
[4] Fol 117 et seq tal-proċess.
[5] Fol 70 tal-proċess.
[6] Fol 105 tal-proċess.

Ikkunsidrat

**Ir-rikorrenti qagħdet għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69**

13. Permezz tat-tielet eċċezzjoni l-Avukat tal-Istat jgħid li l-ante kawża tar-rikorrenti kien jaf bil-Kapitolu 69 u l-konsegwenzi tiegħu iżda, minkejja dan kollu, xorta waħda, u minn jeddu volontarjament għażel li l-kirja tkun regolata b'dawn il-provvedimenti. L-Avukat tal-Istat jidher li qiegħed jirreferi għal prinċipju tal-*imputet sibi* billi l-liġijiet rilevanti li jikkontrollaw il-kera tal-fondi kummerċjali kienet diġà fis-seħħ meta kkuntratta ma' Anthony Micallef.

14. Il-Qorti Ewropea kellha l-opportunità tiddeċiedi li fejn sid il-kera jkun ta' fond b'kera fi żmien meta l-liġijiet tal-kera kienu diġà jagħtu protezzjoni lill-inkwilin għal dak li jirrigwarda żieda ta' kera u tiġdid tal-kirja, b'daqshekk ma jfissirx li sid il-kera m'għandux jedd jinvoka ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.[7]

15. Din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li kien hemm element ta' konsapevolezza tal-eżistenza tal-liġi, xorta setgħu ġew effettwati l-aspetti ta' realizzazzjoni ekonomika tal-proprjetà, u tgawdija paċifika tal-istess, b'riflessjonijiet ta' natura kostituzzjonali sa fejn jirrigwarda l-istitut tal-kera. Il-Qorti trid tindaga jekk il-liġi naqsitx li toħloq mekkaniżmu legali li jħares fit-tul biex jekwilibra d-drittijiet tas-sid ma' dak tal-inkwilin mal-medda taż-żmien. Għalhekk, għalkemm fiż-żmien li daħlet din il-liġi, dan l-ekwilibru seta' eżista, però trid teżamina l-effett tat-tibdiliet fis-suq li jġibu magħhom iż-żminijiet; u jekk matul iż-żmien kull ekwilibriju inizjali li seta' kien hemm meta ġiet ippromulgata l-liġi, sfaxxax għal kollox.[8]

16. Rilevanti wkoll dak miżmum mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Agnes Gera de Petri Testaferrata v. Avukat Ġenerali et.** mogħtija fid-29 ta' Novembru, 2019:

> 18. L-ewwel Qorti rrikonoxxiet li l-awtur tar-rikorrent kien jaf bil-konsegwenzi legali tal-Kap. 69 meta ffirma l-ftehim tal-lokazzjoni. Izda hu ma setax jipprevedi l-mod li bih kien ser jinbidel is-suq kummercjali jew li l-quantum tal-kera ser tibqa' kkontrollata permezz ta' bidla fil-ligi. Dan kien gie deciz mill-Qorti Ewropea fil-kaz Zammit and Attard Cassar v. Malta .
> 19 Din il-Qorti tikkondividi pjenament mal-hsieb tal-ewwel Qorti. Izda mill-ewwel ghandu jinghad li s-sentenza deciza minn din il-Qorti u citata mis-

[7] Ara **Buttigieg and Others v. Malta** (Appl nru 22456/15) deċiża fil-11 ta' Diċembru 2018.
[8] Ara **Alexander Vella et vs. L-Avukat tal-Istat et** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 t'Ottubru 2022.

socjeta` intimata fl-ismijiet Avukat Leslie F. Grech pro et noe et v. Nazzareno Vassallo llum m'ghadx ghandha l-istess piz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti ghaliex illum gie accettat mill-gurisprudenza lokali u dik Ewropea li fejn is-sid m'ghandu l-ebda ghazla ma tistax tingieb b'success l-eccezzjoni li, galadarba s-sid kien konsapevoli tal-effetti talligi, il-ftehim ikun sar b'mod volontarju. Il-gurisprudenza ta' din il-Qorti hi assodata fil-materja u l-hsieb jibqa' dejjem wiehed. Hawn taghmel referenza partikolari ghall-insenjament taghha kif jirrizulta fis-sentenza deciza fl-14 ta' Dicembru 2018 fl-ismijiet Chemimart Ltd [C74] v. Avukat Generali etcfejn sahanstira wkoll l-ewwel Qorti kienet iddecidiet li ma ssegwix il-hsieb tas-sentenza fl-ismijiet Albert Cassar et v. Il-Prim Ministru et fejn dak iz-zmien din il-Qorti kienet ghadha qieghda timxi fuq il-hsieb citat mis-socjeta` intimata mis-sentenza fuq imsemmija.

17. Kif rajna l-ġurisprudenza llum tqis illi bil-fatt li sid jikkuntratta kuntratt ta' lokazzjoni konsapevoli tal-liġijiet restrittivi ma jammontax għal rinunzja tal-jedd li jikkontesta l-operazzjoni tal-liġi bħala leżiva tal-jeddijiet fundamentali. Din il-Qorti tabqel ma' tali ġurisprudenza u kosnegwentement tqis it-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat bħala infondata u qed tiġi respinta.

Ikkunsidrat

**Mertu**

18. Ir-rikorrenti jinsistu li minħabba dispożizzjonijiet fil-Kapitolu 69 kif ukoll fil-Kapitolu 16 huma ma jistgħux jawmentaw l-kera għar-rata viġenti fis-suq liberu u lanqas jista' jkollha l-proprjetà bil-pussess liberu favur tagħhom fi żmien raġonevoli u dan qiegħed iwassal għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tagħhom sanċit taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

19. L-artikoli tal-liġi rilevanti huma Artikoli 3 u 12 tal-Kapitolu 69 u Artikoli 1531D u 1531I tal-Kapitolu 16.

20. A tenur tal-**Artikolu 3 tal-Kapitolu 69**:

"Sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri (sew jekk dan iż-żmien ikun skont il-ftehim, legali, skont l-użu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza), jirrifjuta li jġedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet ġodda għat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord."

21. **Artikolu 12** tal-istess kapitolu imbagħad jipprovdi li

"Jekk il-fond ikun ħanut, sid il-kera ma jistax jieħu lura l-pussess tiegħu fiż-żmien li din l-Ordinanza tkun isseħħ, ħlief fil-każ imsemmi fl-artikolu 9(a) jew jekk il-fond ikun tal-Gvern jew amministrat minnu jew ikun xort'oħra meħtieġ mill-Gvern għal skop ta' utilità pubblika"

22. Permezz tal-**Att X tal-2009**, daħlu fis-seħħ emendi għal-liġi tal-kera fosthom l-**Artikolu 1531D tal-Kapitolu 16** li jipprovdi:

"(1) Il-kera ta' fond kummerċjali, fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq wara l-1 ta' Jannar, 2010 jew ta' ftehim bil-miktub li jkun sar qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 dwar kirja li tkun għadha fil-perjodu oriġinali tagħha fl-1 ta' Jannar, 2010, għandu mid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2010, jiġi miżjud b'rata fissa ta' ħmistax fil-mija fuq il-kera attwali u jibqa' jiġi miżjud mid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar ta' kull sena bi ħmistax fil-mija fuq l-aħħar kera bejn l-1 ta' Jannar, 2010 u l-31 ta' Diċembru, 2013.

(2) Il-kera mid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2014, għandu jiġi stabbilit bi qbil bejn il-partijiet. Fin-nuqqas ta' qbil, għandu jittieħed bħala gwida għall-kera l-Indiċi tal-Valur Kummerċjali tal-Proprjetà kif jista jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-akkomodazzjoni u fin-nuqqas ta' regolamenti, il-kera għandu mill-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2014, jogħla b'ħamsa fil-mija fis-sena sad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija regolamenti.

(3) Fil-każ ta' fond kummerċjali, jekk kien hemm ftehim għal żjidiet perjodiċi bejn il-partijiet, dan il-ftehim għandu jibqa' japplika mingħajr iż-żjidiet kontemplati f'dan il-artikolu:

Iżda, barra mill-każijiet fejn iż-żjieda fil-kera jkun sar bi qbil, fejn tiġi applikata ż-żjieda kif proposta hawn qabel għal fondi kummerċjali, l-inkwilin jista' permezz ta' ittra uffiċjali mibgħuta lil sid il-kera jew lil wieħed minn sidien il-kera, jittermina l-kirja billi jagħti pre-avviż ta' tliet xhur u dan ukoll jekk il-kirja tkun għal żmien definit."

23. Artikolu ieħor ta' relevanza f'dan l-aspett huwa l-**Artikolu 1531I** li jipprovdi

"Fil-każ ta' fond kummerċjali mikri qabel l-1 ta' Ġunju,1995, bħala inkwilin għandha tiġi meqjusa dik il-persuna li tkun qed tokkupa l-fond b'titolu validu ta' kera fl-1 ta' Ġunju, 2008 kif ukoll il-konjuġi tiegħu jekk jgħixu flimkien u mhux separati legalment kif ukoll wara l-mewt tal-imsemmi

inkwilin, l-eredi tiegħu li jkunu jiġu minnu mid-demm jew biż-żwieġ sal-grad ta' kuġini inklussivament:

Iżda l-kera ta' fond kummerċjali li jkun beda qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandu f'kull każ jintemm fi żmien għoxrin sena li jibdew jgħaddu mill-1 ta' Ġunju, 2008 sakemm ma jkunx sar kuntratt ta' kiri li jistipula żmien determinat."

Ikkunsidrat;

**Allegat leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

24. Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li:

"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni"

25. Ir-rikorrenti isostnu illi Kapitolu 69 u l-Kapitolu 16 iċaħduhom mid-dritt għat-tgawdija tal-possedimenti tagħhom kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Min-naħa l-oħra l-intimat Avukat tal-Istat, jeċċepixxi li l-Istat għandu kull dritt li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali u jgawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri soċjali meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali.

26. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex l-ewwel teżamina l-elementi tad-dritt fundamentali protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u mbagħad tgħaddi sabiex tevalwa l-artikoli tal-liġi impunjati fl-isfond tad-dritt fundamentali invokat mir-rikorrenti.

27. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, il-kontroll fuq il-kera u r-restrizzjonijiet fuq it-tmiem ta' kuntratt ta' kera jikkostitwixxu kontroll fuq l-użu tal-proprjetà tal-individwu a tenur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-

Ewwel Protokoll, u għalhekk il-każ għandu jiġi kkunsidrat taħt it-tieni paragrafu tal- Artikolu 1 tal-istess Protokoll.

28. Meta l-Istat jgħaddi liġijiet li jċaħdu lis-sid mit-tgawdija paċifika ta' ħwejġu, mhux biżżejjed illi jkun qed jaġixxi fil-parametri tal-liġi u bi skop li tgawdi s-soċjetà in ġenerali. Ikun jonqos u meħtieġ li sabiex jiġi evitat ksur tal-Konvenzjoni, min ikun ġie drastikament imċaħħad kontra r-rieda tiegħu mit-tgawdija ħielsa ta' ħwejġu jingħata kumpens adegwat, kumpens intiż sabiex jagħmel ġustizzja mal-vittma tal-leżjoni tad-dritt fundamentali u li jinnewtralizza sakemm possibbli id-dannu konsegwenzjali soffert.

29. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli: L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni.

30. Ir-rikorrenti m'humiex jimpunjaw l-artikoli tal-liġijiet applikabbli bħala li m'humiex fl-interess pubbliku jew li l-effetti li qegħdin jilmentaw minnhom m'humiex ir-riżultat ta' operazzjonijiet f'qafas legali. L-ilment tagħhom huwa fis-sens illi l-operazzjonijiet ta' dawn il-liġijiet fil-konfront tagħhom ħolqu sproporzjon tant qawwi fil-ħlas tal-kera perċepibbli skond il-liġi meta mqabbel mal-kera potenzjali fis-suq, illi l-konsegwenza ta' dan hi li l-liġijiet impunjati ma żammewx bilanċ ġust bejn l-interess ġeneali u d-drittijiet tas-sid.

31. Kif rajna bl-operazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 69 u tal-Artikoli 1531D u 1531I tal-Kapitolu 16 ir-rikorrenti għandhom idejhom marbuta dwar il-possedimenti tagħhom. Il-kuntratt ta' kera qiegħed jiġġedded awtomatikament kull sena kontra r-rieda tagħhom.

32. Għalhekk kollox iħoll u jorbot jekk fil-każ odjern, bl-operazzjonijiet tal-liġijiet li t-tħaddim tagħhom qiegħed jiġi hawn impunjat inżammx il-bilanċ meħtieġ skond l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni bejn l-interess ġenerali u d-dritt konvenzjonali tas-sid.

33. Jirriżulta illi fil-15 ta' Novembru, 1991 l-ante kawza tar-rikorrenti ta b'titolu ta' kera lill-intimat Anthony Micallef il-ħanut mertu tal-kawża bil-kera ta' Lm90.00 fix-xahar, somma mhux zgħira għal dak iż-żmien. Kera li konvertita f'munita ewro ssarraf fis-somma ta' €2,515.72 fis-sena, mingħajr ma wieħed jieħu kont tal-inflazzjoni. Il-partijiet ftehmu wkoll li l-ammont ta' kera jiżdied b'għaxra fil-mija (10%) kull tlett snin.

34. Il-Perit Tekniku Alan Galea irrelata illi fil-fehma tiegħu il-valur lokatizzju tal-ħanut fis-sena 2021 kien ta' €16,000.00.

35. Ir-rikorrenti qegħdin isejsu l-kawża minnhom promossa fuq il-premessa li minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69, b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4 u 9(b) huma kienu u għadhom obbligati jġeddu l-kirja indefinittivament b'kera li ma tirriflettiex il-valur lokatizzju tal-fond fis-suq liberu.

36. Bl-emendi tal-Att X tas-sena 2009 fil-Kodiċi Ċivili il-kera kellha tiġi awmentata bi 15% kull sena għall-ewwel erba' snin (għas-snin 2010 – 2013) u sussegwentement b'5% kull sena dekorribbli mill-ewwel kirja wara l-1 ta' Jannar 2014. Artikolu 1531D (3) tal-Kapitolu 16, introdott ukoll bl-Att X tal-2009, jipprovdi illi:

> "(3) Fil-każ ta' fond kummerċjali, jekk kien hemm ftehim għal żjidiet perjodiċi bejn il-partijiet, dan il-ftehim għandu jibqa' japplika mingħajr iż-żjidiet kontemplati f'dan il-artikolu."

37. Fil-każ de quo, kien l-ante kawża tar-rikorrenti li fil-kuntratt ta' kiri tal-15 ta' Novembru 1991 kien ħaseb għal awment ta' 10% kull tlett snin b'effett mill-1 ta' Diċembru 1994. Sussegwentement l-ante kawża tar-rikorrent kien ta l-fakolta' lill-inkwilin illi jissulloka l-ħanut.

38. Il-Qorti għaddiet sabiex għamlet analiżi dwar kemm kienet tkun il-kirja li kieku ġie applikat l-Artikolu 1531D komparata ma' dak li l-a-kawża u sussegwentement r-rikorrent qalgħu mill-kirja tal-fond mertu tal-kawża in linea mal-kuntratt tal-kiri:

| Sena | Stima tal-Perit annwali (€) | Kera mħallsa jew li kellha titħallas skont il-kuntratt (€) | Kera ai termini tal-Artikolu 1531D | Dħul mill-intimat Micallef mis-sullokazzjoni (€) |
|---|---|---|---|---|
| 1992 | 8,531 | 2,515.72 | 2,515.72 | |
| 1993 | 8,531 | 2,515.72 | 2,515.72 | |
| 1994 | 8,531 | 2,515.72 | 2,515.72 | |
| 1995 | 8,531 | 2,767.29 | 2,515.72 | |
| 1996 | 8,531 | 2,767.29 | 2,515.72 | |
| 1997 | 10,166 | 2,767.29 | 2,515.72 | |
| 1998 | 10,166 | 3,044.02 | 2,515.72 | |
| 1999 | 10,166 | 3,044.02 | 2,515.72 | |
| 2000 | 10,166 | 3,044.02 | 2,515.72 | |
| 2001 | 10,166 | 3,348.42 | 2,515.72 | |
| 2002 | 11,447 | 3,348.42 | 2,515.72 | |
| 2003 | 11,447 | 3,348.42 | 2,515.72 | |
| 2004 | 11,447 | 3,683.26 | 2,515.72 | |
| 2005 | 11,447 | 3,683.26 | 2,515.72 | |
| 2006 | 11,447 | 3,683.26 | 2,515.72 | |
| 2007 | 12,776 | 4,051.59 | 2,515.72 | 2,194.41[9] |
| 2008 | 12,776 | 4,051.59 | 2,515.72 | 8,777.64[10] |
| 2009 | 12,776 | 4,051.59 | 2,515.72 | 7,434.47[11] |
| 2010 | 12,776 | 4,456.75 | 2,893.08 | 10,801.14 |
| 2011 | 12,776 | 4,456.75 | 3,327.04 | 11,616.15 |
| 2012 | 14,523 | 4,456.75 | 3,826.10 | 11,844.24 |
| 2013 | 14,523 | 4,902.43 | 4,400.00 | 11,844.24 |
| 2014 | 14,523 | 4,902.43 | 4,620.01 | 12,292.91 |
| 2015 | 14,523 | 4,902.43 | 4,851.01 | 12,921.00 |
| 2016 | 14,523 | 5,392.67 | 5,093.56 | 12,921.00 |
| 2017 | 15,233 | 5,392.67 | 5,348.24 | 13,369.63 |
| 2018 | 15,233 | 5,392.67 | 5,615.65 | 13,997.72 |
| 2019 | 15,233 | 5,931.94 | 5,896.43 | 13,997.72 |
| 2020 | 15,233 | 5,931.94 | 6,191.26 | 14,446.39 |
| 2021 | 6,232.21[12] | 2,310.57[13] | 2,532.15[14] | |
| **Total** | **354,379.21** | **116,660.90** | **99,877.49** | **158,458.66** |

[9] Kera ta' xahar.

[10] Kera ta' 12-il xahar.

[11] Kera ta' 9 xhur.

[12] (€16,000 / 12 x 4 (Jannar sa April)) + (€16,000 / 356 x 20).

[13] (€5,931.94 / 12 x 4) + (€5,931 / 356 x 20).

[14] (€6,500.82 / 12 x 4) + (€6,500.82 / 356 x 20).

39. Il-Qorti tqis li r-rikorrenti għandhom raġun jillamentaw li huma kienu kostretti jkomplu jġeddu l-kirja mingħajr jedd illi jitolbu kera skond is-suq li hija ferma aktar minn dik li huma qed jirċevu. Dan hu konfermat mhux biss mir-rapport peritali iżda wkoll mill-quantum tal-kera imħallsa fis-sullokazzjoni. Artikolu 3 tal-Kapitolu 69 jagħmilha ċara li sid il-kera ma jistax jirrifjuta li jġedded il-kirja jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet ġodda għat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord. Fil-każ ta' ħanut, ai termini tal-Artikolu 69 tal-istess kapitolu, sid il-kera ma jistax jieħu lura l-pussess tiegħu ħlief fil-każ imsemmi fl-Artikolu 9(a). Il-possibilitajiet li sid il-kera jirriprendi l-fond tiegħu taħt dan l-inċiż huma ferm limitati.

40. Dak li l-Avukat tal-Istat kif ukoll l-intimat Micallef jargumentaw huwa li ai termini tal-Artikolu 1531I tal-Kapitolu 16, ir-rikorrenti ser jirriprendu l-fond fis-sena 2028. Huwa minnu li Artikolu 1531I tal-Kodiċi Ċivili jagħti l-possibilità lir-rikorrenti jirriprendu l-immobbli *de quo* fis-sena 2028, però it-trattament bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ser jipperdura sakemm tasal is-sena 2028 (apparti ż-żmien li diġà għadda). Dan fil-fehma tal-Qorti jammonta għal piż eċċessiv u sproporzjonat fuq is-sidien. Apparti li r-rikorrenti m'għandhom l-ebda ċertezza li l-kirja ser tintemm fis-sena 2028 mingħajr indħil ulterjuri mill-Istat.

41. Ġie miżmum fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Novembru, 2019, fl-ismijiet **Agnes Gera de Petri Testaferrata vs. Avukat Ġenerali et** li:

> "Argument ieħor miġjub mill-intimat l-Avukat Ġenerali favur l-allegat bilanċ ġust li ntlaħaq mill-Istat hu li l-kera ma kinitx ser tibqa' tiġġedded għal dejjem u kienet ser tintemm fis-sena 2028 bir-ripreża tal-fond mir-rikorrenti. Is-soċjetà intimata wkoll issostni dan l-argument favur is-sottomissjoni tagħha li fil-każ odjern inżamm bilanċ ġust. L-ewwel Qorti filwaqt li għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Żammit u Attard Cassar v. Malta**, iddikjarat li r-rikorrenti kien għad baqgħalha 9 snin oħra qabel ma tieħu f'idha l-pussess tal-fond u matul dan il-perjodu kien ser ikollha tirċievi l-kera tenwa preżenti u tkompli ġġorr piż eċċessiv u sproporzjonat. Hawn ukoll din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti u ma' dan izzid tgħid li (a) diġà r-rikorrenti ilha tnax-il sena b'idejha marbutin b'mod li ma tistax titlob dik il-kera mingħand l-inkwilin li jidhrilha xierqa; u (b) ir-rikorrenti m'għandha l-ebda ċertezza wara kollox li l-kirja ser tintemm fis-sena 2028 mingħajr indħil ulterjuri mill-Istat."

42. Aktar reċenti il-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Mejju, 2022, fl-ismijiet **Emanuela Camenzuli pro et nomine et v. Avukat Ġenerali et** irreaffermat li

> "Fl-ewwel lok l-emendi ntrodotti fl-2009 li pprovdew li mill-1 ta' Jannar, 2014, il-kera tiżdied b'5% għal kull sena, mhijiex biżżejjed sabiex toħloq bilanċ bejn l-interess ġenerali u l-interess tas-sidien. Dan iktar u iktar meta f'kirjiet kummerċjali m'hemmx l-element soċjali li hemm f'kirjiet ta' residenzi. L-istess jingħad dwar il-fatt li l-protezzjoni lill-inkwilin hi garantita mil-liġi sas-sena 2028 (Artikolu 1531I tal-Kodiċi Ċivili). Dak il-fatt ma jiġġustifikax u lanqas jirrimedja l-fatt li għal 20 sena sħaħ mill-1 ta' Ġunju, 2008, is-sidien jibqgħu jirċievu kera mhux adegwata."

43. **Il-Qorti għalhekk issib illi l-kontinwazzjoni tal-lokazzjoni tal-ħanut lill-intimat Micallef hija forzata fuq ir-rikorrenti bis-saħħa tal-Kapitolu 69 u tal-artikoli tal-liġi applikabbli introdotti għal Kapitolu 16 bis-saħħa tal-Att X tal-2009 b'mod speċifiku l-Artikolu 1531D, jilledu d-dritt fundamentali tar-rikorrenti sanċit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**Il-Perijodu tal-Leżjoni Relevanti għal-Likwidazzjoni tad-Danni**

44. In vista tal-fatt li r-rikorrenti sofrew piż sproporzjonat meta ġew imċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom kawża tal-applikazzjoni tal-provedimenti tal-Kapitolu 69 kif applikabbli fiż-żmien rilevanti mingħajr kumpens ġust, huma għandhom jingħataw rimedju xieraq konsistenti f'kumpens.

45. Il-kuntratt miftiehem bejn l-ante kawża tar-rikorrenti u l-inkwilin ma jispeċifika ebda terminu miftiehem tal-kera.Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Santillo et. vs. Nazzareno Axisa** mogħtija fl-24 ta' Frar 2012:

> "Kwindi, dik il-klawsola ma tistax tinftiehem li l-kirja tiggedded awtomatikament ghal zmien indefinit a xelta ta' l-inkwilin u kemm irid hu; irid ikun hemm zmien miftiehem. Halli gheluq iz-zmien miftiehem tidhol topera xi ligi partikolari, pero' terminu irid ikun stabbilit. Jekk il-hsieb tal-partijiet kien li l-kirja tiggedded awtomatikament ghal zmien indefinit a xelta ta' l-inkwilin, allura il-patt relattiv ghandu jitqies null ghax kontra l-ligi." [15]

[15] Ara wkoll **Maria Dolores Bacic et. vs. Reno Store Company Ltd** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fid-29 ta' Ottubru 2014.

46. Il-Qorti għandha dubji serji kemm huwa konformi mal-liġi l-kuntratt ta’ kera in konsiderazzjoni meta meqjus li ma jsemmi ebda terminu definit tal-kirja. Dan magħdud il-Qorti iżda tqis li hawnhekk mhux il-forum idoneu għad-determinazzjoni ta’ dan l-aspett tal-kuntratt, anke għaliex ħadd mill-intimati ma ressaq xi sottomissjoni fir-rigward.

47. Fin-nuqqas ta’ terminu speċifiku, il-Qorti qiegħda tifhem li l-intenzjoni tal-partijiet kien li l-kirja kellha tiġġedded kull tlett snin anke minħabba l-fatt li l-kuntratt jipprovdi għal awment ta’ 10% proprju kull tlett snin. Għaldaqstant il-Qorti m’hijiex sejra tieħu konjizzjoni tal-kera li setgħu daħħlu r-rikorrenti fl-ewwel tlett snin tal-kirja u ċioe bejn Diċembru 1991 u Novembru 1994. It-terminu tal-leżjoni baqa’ għaddej sakemm ġiet intavolata l-azzjoni de quo u ċioe sal-20 t’April 2021.

48. Dwar il-likwidazzjoni tad-danni pekunjarji l-Qorti hija gwidata mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Carmel Apap Bologna Sceberras d’Amico Inguanez vs. Avukat Ġenerali et** mogħtija fis-27 ta’ Ottubru 2021, f’kawża b’fattispeċi simili għal dik odjerna:

> “21. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021), fejn ġie spejgat hekk fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens u t-tnaqqis li għandu jsir f’kawżi fejn l-interferenza fit-tgawdija paċifika tal-proprjeta` tkun ġustifikata minn raġunijiet ta’ interess pubbliku [...].
>
> Il-Qorti tagħraf illi f’dan il-każ il-miżura in kwistjoni ma kinitx intiża għall-protezzjoni ta’ akkomodazzjoni soċjali u s-salvagwardja ta’ nies vulnerabbli minn *homelessness*. Il-Qorti tagħraf ukoll illi kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, l-interess ġenerali li kien jiġġustifika l-protezzjoni tal-kirjiet kummerċjali naqas maż-żmien. Għaldaqstant, in vista ta’ dan kollu l-Qorti tqis illi r-rata ta’ tnaqqis minħabba l-għan leġittimu tal-liġi f’dan il-każ għandha tkun ta’ ċirka 20% u mhux 30% kif stabbilit fis-sentenza appena ċitata.
>
> Fir-rigward tat-tnaqqis minħabba l-inċertezza li l-attur kien jirnexxilu jżomm l-fond mikri matul iż-żmien relevanti kollu għall-ammonti ndikati mill-Perit Legali, il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta’ din il-kawża r-rata ta’ tnaqqis għandha tkun ta’ ċirka 35% u mhux 20%. Dan għaliex l-ewwel nett hemm inċertezza dwar jekk il-proprjeta` kollha verament setgħatx tintuża għal skopijiet kummerċjali peress illi minkejja illi l-kirja

hija waħda u għal skopijiet kummerċjali, l-inkwilini ma jużawx tlieta mill-fondi nklużi fil-kirja. Inoltre, il-Qorti tosserva illi l-Perit Tekniku bbaża l-istima tiegħu partikolarment fuq il-fatt illi dawn il-fondi jistgħu jingħaqdu f'wieħed u jsir boutique hotel. Pero`, ikkonsidrat illi l-inċertezza f'dan is-settur hija ferm akbar milli dik eżistenti fis-settur tal-akkomodazzjoni għal skopijiet residenzjali, tqis li tnaqqis kif konsidrat minn din il-Qorti hu raġonevoli."

49. Fil-każ de quo il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' din il-kawża r-rata ta' tnaqqis minħabba inċertezza li l-attur kien jżomm il-fond mikri matul iż-żmien relevanti kollu għall-ammonti ndikati mill-Perit Tekniku, għandha tkun ta' ċirka 35%, anke għaliex il-provi juru illi l-ante kawża tar-rikorrenti kera l-fond de quo b'rata ta' kera ferm aktar baxxa minn dik li skont il-perit tekniku kellu potenzjal li jattira.

50. Dan meqjus il-Qorti ser tapplika l-valuri mogħtija mill-Perit Tekniku sabiex tiddetermina u tillikwida l-kumpens pekunjarju xieraq dovut lir-rikorrenti skont il-kriterji fuq delineati. Il-Qorti ħadet kont ukoll tal-kera pagabbli skont il-liġi:

| **Sena** | **Stima tal-Perit annwali (€)** | **Kera mħallsa jew li kellha titħallas (€)** |
|---|---|---|
| 1994 | 710.92[16] | 230.61[17] |
| 1995 | 8,531 | 2,767.29 |
| 1996 | 8,531 | 2,767.29 |
| 1997 | 10,166 | 2,767.29 |
| 1998 | 10,166 | 3,044.02 |
| 1999 | 10,166 | 3,044.02 |
| 2000 | 10,166 | 3,044.02 |
| 2001 | 10,166 | 3,348.42 |
| 2002 | 11,447 | 3,348.42 |
| 2003 | 11,447 | 3,348.42 |
| 2004 | 11,447 | 3,683.26 |
| 2005 | 11,447 | 3,683.26 |

[16] €8,531 / 12 x 1 (xahar ta' Diċembru biss).
[17] €2,767.29 / 12.

| | | |
|---|---|---|
| 2006 | 11,447 | 3,683.26 |
| 2007 | 12,776 | 4,051.59 |
| 2008 | 12,776 | 4,051.59 |
| 2009 | 12,776 | 4,051.59 |
| 2010 | 12,776 | 4,456.75 |
| 2011 | 12,776 | 4,456.75 |
| 2012 | 14,523 | 4,456.75 |
| 2013 | 14,523 | 4,902.43 |
| 2014 | 14,523 | 4,902.43 |
| 2015 | 14,523 | 4,902.43 |
| 2016 | 14,523 | 5,392.67 |
| 2017 | 15,233 | 5,392.67 |
| 2018 | 15,233 | 5,392.67 |
| 2019 | 15,233 | 5,931.94 |
| 2020 | 15,233 | 5,931.94 |
| 2021 | 6,232.21 | 2,310.57 |
| **Total** | **329,497.13** | **109,344.35** |

51. In linea mal-ġurisprudenza fuq ċitata is-somma ta' €329,497.13 għandha l-ewwel tonqos bi 20%, u għalhekk is-somma tinżel għal €263,597.70. Minn din is-somma jrid jonqos 35% oħra u għalhekk is-somma tinżel ulterjorment għal €171,338.51. Finalment jrid jitnaqqas il-kera li tħallset jew li kellha titħallas mill-intimat Micallef skont il-ftehim għall-istess perijodu.

52. **Għaldaqstant id-danni pekunjarji sofferti mir-rikorrenti qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' €61,994.16 li qed jiġu arrotondati għal tnejn u sittin elf ewro (€62,000).**

53. In kwantu għad-danni non-pekunjarji, in linea mal-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali "il-jedd tal-awturi fit-titolu għall-kumpens non-pekunjarju ma jintiritx. Dak hu personali għall-persuna li tkun batiet dik it-tbatija."[18] F'dan il-każ ir-rikorrenti wirtu nofs indiviż tal-ħanut fl-2011 filwaqt li nofs indiviż l-ieħor wirtuh fis-sena 2017. **Il-Qorti għalhekk qiegħda tillikwida d-danni non-pekunjarji fis-somma ta' tmint elef ewro (€8,000).**

[18] **Maria Concetta Camilleri et vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022. Ara wkoll **Anthony Bezzina vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022.

**Rimedju Ulterjuri**

54. Tenut kont illi l-Qorti qed issib leżjoni tad-dritt konvenzjonali tar-rikorrenti li skond il-liġijiet viġenti ser tkompli ta' lanqas sas-sena 2028 il-Qorti tqis illi ma tistax permezz tas-sentenza tagħha tħalli li tali leżjoni tibqa' tipperdura fil-futur.

55. Għalhekk b'żieda mal-kundanna ta' ħlas ta' danni pekunjarji u non-pekunjari, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li għandu jingħata rimedju ulterjuri fis-sens illi l-intimat Micallef qua inkwilin ma jistax jibqa' jistrieħ fuq il-protezzjoni sa issa lilu mogħti mill-Kapitolu 16 u mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Żgumbrament**

56. Għal dak li jirrigwarda r-rimedju mitlub mir-rikorrenti fit-tielet u r-raba' talba tagħhom, il-Qorti tagħraf li saret talba speċifika biex hija tikkunsidra l-iżgumbrament tal-intimat mill-post.

57. Din il-Qorti ma tqisx illi għandha tilqa' dik it-talba, anke tenut kont tal-ġurisprudenza nostrana in materia. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Josephine Azzopardi pro et noe vs. L-Onorevoli Prim Ministru et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ġunju 2017:

> "ġie deċiż diversi drabi mill-Qrati tagħna li l-proċeduri kostituzzjonali mhumiex il-forum addattat sabiex jiġi deċiż jekk inkwilin għandux jiġi żgumbrat jew le. Din il-vertenza tispetta lill-qrati ordinarja jew lill-Bord li Jirregola l-Kera skont il-każ. Dak li huwa rilevanti hija l-konsiderazzjoni li, fil-każ li jinstab li liġi hija vjolattiva tad-drittijiet fundamentali ta' xi parti, dik il-liġi ma tistax tibqa' tingħata effett bejn il-partijiet kemm-il darba u sakemm l-applikazzjoni tagħha tkun leżiva għad-drittijiet fundamentali ta' dik il-parti (ara sentenza **Curmi vs Avukat Ġenerali**, Kost 24/06/2016);
>
> Din l-Qorti għalhekk mhux ser tipprovvdi fuq dan ir-rimedju mitlub u din il-parti tat-talba tar-rikorrenti għalhekk mhix ser tintlaqa'".

58. Ġurisprudenza din li din il-Qorti taqbel magħha u konsegwentement it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti sejrin jiġu miċħuda.

Ikkunsidrat;

**Spejjeż tal-kawża**

59. L-Avukat tal-Istat bħala r-rappreżentant tal-Istat responsabbli għall-miżura leġislattiva li fiċ-ċirkostanzi tal-każ waslet għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, għandu jħallas l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

60. L-intimat Micallef m'għandu jbagħti l-ebda spejjeż tal-kawża li wkoll għandu jagħmel tajjeb għalihom l-intimat Avukat tal-Istat (**Paul Farrugia vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Diċembru 2021).

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-intimati konformement ma' dak hawn fuq deċiż,

1. **Tilqa'** l-ewwel u t-tieni talba rikorrenti, tiddikjara illi bl-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija Kapitolu 69 b'mod partikolari Artikoli 3 u 12 tal-istess u bl-operazzjonijiet tal-Kapitolu 16 b'mod speċifiku l-Artikolu 1531I illidew id-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif protett bl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja meta ngħata dritt ta' rilokazzjoni lill-kerrej fuq il-fond tar-rikorrenti bl-isem Papier, Triq l-Imħallef Paolo Debono, Imsida;

2. **Tilqa' in parte** it-tielet talba, tordna u tiddikjara illi l-intimat Micallef qua inkwilin tal-ħanut mertu tal-kawża, ma jistax jibqa' jistrieħ fuq il-provvedimenti tal-Kapitolu 16 u tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jibqa' jżomm pussess tal-ħanut de quo.

3. **Tiċħad** ir-raba' talba.

4. **Tilqa'** l-ħames talba, tiddikjara illi l-intimat Avukat tal-Istat responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-leżjoni tad-dritt fundamentali tagħhom.

5. **Tilqa'** s-sitt talba, tillikwida d-danni pekunjarji sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' tnejn u sittin elf ewro (€62,000) filwaqt li tillikwida d-danni non-pekunjarji fis-somma ta' tmint elef ewro (€8,000).

6. **Tilqa’** s-seba’ talba, tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti is-somma komplessiva ta’ sebgħin elf ewro (€70,000) rappreżentanti danni pekunjarji u non-pekunjarji hawn likwidati, bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

**Bl-ispejjeż** kontra l-Avukat tal-Istat.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta’ Jannar, 2024

**Deputat Reġistratur**